**3 ta' Diċembru, 1991**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. - President.**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Walter Camilleri *et noe*

*versus*

Godwin Abela *et noe*
Joseph Hili *et noe.*

## Danni – Merkanzija Nieqsa u Responsabilità għal tali Nuqqas – Oneru ta' Prova wara Tgħabbija skond il-*Bill of Lading* – Prova magħmula minn *Tally Sheet*

*Kawża fuq mertu prettament fattwali dwar meta ġew riskontrati nuqqasijiet fil-merkanzija. Irriżulta fil-konklużjonijiet tal-Qorti tal-kummerċ illi mill-atti tali nuqqasijiet sfaw meta l-merkanzija kienet taħt il-kustodja tal-konvenut Abela et noe u konsegwentement kien responsabbli għalih. Tally magħmula minn Tally Clerk awtorizzat skond il-liġi hija prova tal-kontenut tagħha sakemm din tiġi attakkata b'suċċess bi prova kontrarja.*

Il-Qorti: – Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-atturi wara li ppremettew li s-soċjetà *La Rosa Company Limited* importat f'Malta mal-vapur "Susak" li aġenti tiegħu hija s-soċjetà "*Carmelo Caruana Shipping Agency Limited*", *rubber, wellington boots bill of Ladings* Num. 21, 22 u 23; illi skond il-polza tal-kariku Num. 21, ġew importati 26 *cartons* li minnhom ġew konsenjati biss 23 *cartons* u li erbgħa mill-*cartons* konsenjati kienu danneġġjati u parti mill-kontenut tagħhom kien nieqes; illi skond il-polza tal-kariku Num. 22 ġew importati 48 *cartons* li minnhom ġew konsenjati biss 42 *cartons* li tlieta minnhom kienu danneġġjati u parti mill-kontenut tagħhom kien nieqes; illi skond il-polza tal-kariku Num. 23, ġew importati 20 *cartons* li minnhom ġew konsenjati biss 16 *cartons* li *carton* minnhom kien danneġġjat u parti mill-kontenut tiegħu kien nieqes; u peress li s-soċjetà assikuratriċi *Guardian Royal Exchange Assurance plc* kif kienet obbligata, ħallset lis-soċjetà *La Rosa Company Limited* l-ammonti ta' Lm98.48, Lm133.89 u Lm181.20 b'kollox is-somma totali ta' Lm413.57 bħala kumpens ossija ħlas ta' danni għal ħsarat u nuqqasijiet imsemmija; u peress li s-soċjetà *Guardian Royal Exchange Assurance plc* ġiet surrogata fid-

drittijiet tal-importatur; peress li l-konvenuti nomine jew min minnhom huma responsabbli għan-nuqqas u danni fuq indikati;

L-istess atturi nomine talbu li l-konvenuti nomine jew min minnhom għar-raġunijiet premessi (1) jiġu dikjarati responsabbli għan-nuqqasijiet u danni fuq indikati u (2) konsegwentament jiġu kkundannati li jħallsu lill-atturi nomine s-somma ta' erba' mija u tlettax-il lira u sebgħa u ħamsin ċenteżmu (Lm413.57) bl-interessi legali mid-data tal-pagament;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenuti Godwin Abela u John Cavallo fil-kwalità tagħhom premessa li biha eċċepew:

1. Illi t-talbiet attriċi, in kwantu diretti kontra s-soċjetà *The Cargo Handling Company Limited*, huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż stante illi s-soċjetà *The Cargo Handling Company Limited*, ikkonsenjat il-merkanzija fl-istess ammont u stat illi rċevietu.

2. Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti nomine Joseph Hili *(Senior)* u Joseph Hili *(Junior)* li biha eċċepew:

1. Illi kif jirriżulta mit-*Tally Sheet* (Dok. A) il-merkanzija ġiet żbarkata mill-vapur fl-intier tagħha u fi stat tajjeb. Għalhekk jekk l-attur sofra xi danni dawn ma humiex attribwibbli lill-konvenuti nomine Hili;

Salvi eċċezzjonijiet oħra;

*Omissis;*

Illi l-perit fuq indikat wara li nvestiga l-kwistjonijiet ta' fatt u ta' dritt involuti fil-kawża, wasal għall-konklużjoni li:

1. L-ewwel talba tal-atturi *nomine* għandha tiġi miċħuda kwantu li diretta kontra l-konvenuti Godwin Abela *et nomine* peress li ma saret ebda prova suffiċjenti li dawn il-konvenuti kienu b'xi mod responsabbli għan-nuqqas u ħsarat in kwistjoni;

2. L-ewwel talba tal-atturi nomine għandha tintlaqa' kwantu li diretta kontra l-konvenuti Joseph Hili *et nomine* prinċipalment peress li t-"*tally*" li saret mit-"*tally clerk*" tal-konvenuti Hili waħdu minn fuq il-gverta tal-vapur ma kinitx għal kollox konvinċenti;

3. Il-"*quantum*" tad-danni in kwistjoni kien jammonta għas-somma ta' Lm413.57,0 eżattament kif pretiż mill-atturi fl-att taċ-ċitazzjoni;

4. Peress li l-atturi naqsu li jagħmlu debita prova tad-data tal-effettiv pagament, l-interessi legali għandhom jibdew jiddekorru mill-1 ta' Frar, 1984, data tal-preżentata taċ-ċitazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi l-konvenuti Hili *et nomine* kkritikaw ir-relazzjoni peritali kwantu din akkollat lilhom ir-responsabilità għan-nuqqasijiet u

ħsarat in kwistjoni għar-raġunijiet mogħtija fin-nota ta' osservazzjonijiet;

*Omissis;*

Illi din il-Qorti taqbel ma' l-aħħar żewġ konklużjonijiet imsemmija tal-għaref perit legali, però wara li ħasbet fit-tul, ikkonkludiet li ma tistax tikkondividi l-konklużjonijiet tiegħu dwar ir-responsabilità;

L-atturi jipprovaw sodisfaċentement tramite l-*bills of ladings* eżebiti (fol. 6 sa 8) li fuq il-vapur SUSAK tgħabbew f'Rijeka miċ-Ċekoslovakja 94 *cartons rubber boots* (kif deskritti fl-istess dokumenti) għal *Messrs La Rosa Company Limited.* Il-vapur kellu d-dmir li jikkonsenja din il-partita *boots* fil-Port tal-Belt, Valletta;

F'dan l-istadju, il-piż tal-prova għadda fuq il-konvenuti Hili *et nomine* (bħala aġenti tal-imsemmi vapur) li jipprovaw sodisfaċentement li huma skarikaw b'sikurezza fuq il-moll jew fuq il-barkun il-merkanzija kollha fdata f'idejhom;

Illi fil-fatt, il-vapur ma skarikax il-merkanzija fuq il-moll iżda fuq il-barkun u eventwalment din ittieħdet fil-*Mifsud Verandahs*. Irriżulta li waqt l-iskarikar tal-merkanzija minn fuq il-vapur għal fuq il-barkun il-verifika saret permezz tat-"*tally clerk*" M. Zammit unikament u ma saritx "*joint tally*" peress li ma kienx hemm preżenti "*tally clerks*" tal-konvenuti Godwin Abela *et nomine;*

Fil-fatt ġiet eżebita t-"*tally sheet*" in kwistjoni (ara fol. 23)

u minnha *jirriżulta li ġew effettivament skarikati minn fuq* il-vapur fis-7 ta' Frar, 1983, 94 *cartons* għal *La Rosa Company Limited*, inoltre, għandu jiġi osservat li t-"*tally clerk*" ma għamel ebda rimarki dwar din il-partita u għalhekk wieħed għandu jifhem li ma ġiet osservata l-ebda ħsara fil-packing tal-merkanzija in kwistjoni;

*Omissis;*

La l-Qorti waslet għal din il-konklużjoni allura jsegwi li t-"*tally sheet*" prodotta mill-konvenuti Hili *et nomine*, tagħmel prova sodisfaċenti ta' dak li effettivament ġie skarikat minn fuq il-vapur. Jirriżulta għalhekk li l-vapur skarika l-merkanzija kollha li kien għabba fiċ-Ċekoslovakja għal *Messrs La Rosa Company Limited*, billi skarikaha fuq il-barkun fil-port ta' Malta. B'hekk din il-merkanzija għaddiet għand il-kuntrattur tad-direttur tal-Portijiet ċjoè il-konvenuti Godwin Abela *et nomine* li saru responsabbli għad-debitu konsenja tagħha lir-riċevitur;

Ikkunsidrat:

Hu paċifiku fil-kawża, kif tajjeb irrelata l-perit legali, li r-riċevitur, fil-fatt irċieva l-merkanzija in kwistjoni bin-nuqqasijiet u ħsarat imsemmija fl-att taċ-ċitazzjoni. *Infatti jirriżulta li* mill-"*gate passes out*" imsemmija li r-riċevitur irċieva biss 81 "*cartons*" u għalhekk kien hemm "*shortage*" ta' 18-il "*carton*".

Dawn in-nuqqasijiet ġew riskontrati wara li l-merkanzija ħarġet mir-responsabilità tal-konvenuti Hili *et nomine* u meta l-merkanzija kienet taħt il-kustodja tal-konvenut Abela *et nomine* li min-naħa tagħhom naqsu li jġibu provi suffiċjenti biex

jissostanzjaw l-eċċezzjoni li taw;

Għalhekk it-talbiet tal-atturi nomine huma ġustifikati biss fil-konfront tas-soċjetà konvenuta, "*The Cargo Handling Company Limited*";

Rat in-nota tal-appell tal-konvenut Godwin Abela *et nomine* ad-29 ta' Frar, 1988;

Rat il-petizzjoni tal-appell tal- konvenut Godwin Abela *et nomine* tal-14 ta' Marzu, 1988 li biha talab lil din il-Qorti tirrevoka s-sentenza tad-19 ta' Frar, 1988 fis-sens li tiċħad it-talbiet tal-attur *nomine* in kwantu diretti kontra l-appellanti *nomine* u minflok tilqa' l-eċċezzjonijiet tagħhom li ma kinux responsabbli għan-nuqqas ta' merkanzija lamentat mill-attur *nomine* u tilliberahom bl-ispejjeż kollha kontra l-attur *nomine*:

Rat ir-risposti tal-appellanti;

Rat l-atti kollha rilevanti u opportuni;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravju tal-appellanti nomine jikkonsisti fil-fatt li fil-fehma tagħhom, l-atturi *et noe.* kienu naqsu li jipprovaw li s-soċjetà "*The Cargo Handling Co. Ltd.*" kienet responsabbli għall-ħsarat u nuqqasijiet minnhom reklamati. Fil-fehma tagħhom, anzi, jirriżulta proprju l-kuntrarju. Huma jissottomettu li r-relazzjoni tal-perit legali għandha tiġi kkonfermata kemm

minħabba l-provi li huma ressqu kif ukoll minħabba d-disposizzjonijiet tal-liġijiet viġenti;

Fl-ewwel lok huma jsostnu li l-ewwel Qorti ma kinitx korretta meta bbażat ruħha fuq il-verbal tas-seduta tal-5 ta' Novembru, 1984 fejn ġie dikjarat li "l-partijiet jaqblu li ma kienx hemm bżonn jittella' t-"*tally clerk*" biex jivverifika l-awtentiċità tat-"*tally sheet*" u interpretatha fis-sens li huma kienu aċċettaw il-kontenut tagħha;

Fit-tieni lok huma jsostnu li kuntrarjament għal dak li ngħad mill-ewwel Qorti, tali "*single tally sheet*" m'għandha ebda rikonoxximent mill-liġi biex isservi ta' dikjarazzjoni finali għan-natura u kwantità ta' merkanzija riċevuta skond it-Tally Regulations 1978. Fil-fatt din kellha tkun "*joint tally*" iffirmata mill-kuntrattur tad-Direttur tal-Portijiet ukoll. Għalhekk ma kienx biżżejjed għall-konvenuti l-oħra skond l-istess liġi, li jeżebixxi kopja tal-istess *tally sheet*, iżda dawn kellhom jippruvaw permezz ta' xhieda li tali merkanzija kienet fil-fatt niżlet l-art;

Ikkunsidrat:

Illi l-atturi fiċ-ċitazzjoni tagħhom qegħdin jallegaw:

1. li s-soċjetà *La Rosa Company Ltd.* impurtat ġo Malta 94 "*cartons*" kontenenti "*rubber wellington boots*" bi tlett *bills of lading* nru. 21, 22 u 23 mal-vapur Susak li l-aġenti tiegħu huma l-konvenuti *Hili et noe.*;

2. li mill-merkanzija mportata, parti minnha ġiet bil-ħsara u parti ġiet bin-nieqes u bil-ħsara;

3. li s-soċjetà attriċi *Guardian Royal Exchange Assurance* ħallset lis-soċjetà importatriċi s-somma ta' Lm413.57,0 għan-nuqqasijiet u ħsarat li sofriet u b'hekk ġiet surrogata fid-drittijiet tal-istess u

4. li l-konvenuti *et noe.* jew min minnhom huma responsabbli għan-nuqqasijiet u ħsarat fuq imsemmija –

Għalhekk huma qegħdin jitolbu lill-Qorti biex (1) tiddikjara lill-konvenuti *et noe.* jew min minnhom, responsabbli għan-nuqqasijiet u ħsarat fuq imsemmija u (2) tikkundanna lill-istess iħallsuha s-somma ta' Lm413.57,0, bl-interessi legali mid-data tal-pagament;

Issa s-soċjetà konvenuta "*Carmelo Caruana Shipping Agency Ltd.*" bħala aġenta tal-vapur "Susak" qegħda teċċepixxi li kif jirriżulta mit-*tally sheet* (Dok. A) minnhom eżebita, il-merkanzija "*de quo*" li kienet ġiet trasportata Malta bil-vapur Susak ġiet kollha żbarkata fi stat tajjeb minn fuq il-vapur;

Minn naħa l-oħra s-soċjetà konvenuta l-oħra "*The Cargo Handling Co. Ltd.*" teċċepixxi li t-talba tal-atturi *et noe.* m'għandhiex tiġi milqugħa fil-konfront tagħhom billi huma kkonsenjaw il-merkanzija riċevuta minnhom fl-istess ammont u stat li kienu rċevewha huma. Fid-dikjarazzjoni tagħhom imbagħad qalu li waqt li kien veru li l-atturi kienu mportaw il-merkanzija "*de quo*" mal-vapur Susak li wasal Malta fl-1 ta' Frar, 1983, però huma ma kienu b'ebda mod responsabbli għall-ħsarat u nuqqasijiet minnhom reklamati;

In sostenn tal-allegazzjoni tagħhom fuq imsemmija l-atturi

eżebew il-*bills of lading* in kwistjoni. Skond dawn jirriżulta li s-soċjetà importatriċi kellha tirċevi 94 *cartons rubber wellington boots* maqsumin fi tliet partiti. B'kollox din kellha tirċevi 94 *cartons* iżda din irċeviet biss 81 *cartons* u minn dawn tmienja kienu bil-ħsara u bin-nuqqas. Dan in-nuqqas u ħsarat huma riflessi fit-tliet "*gate passes out*" eżebiti a fol. 39 tal-proċess. Barra minn dan, dawn ġew konfermati bix-xiehda ta' Anthony Agius tal-*Cargo Handling Co. Ltd.* u minn Michael La Rosa, rappreżentant tas-soċjetà importatriċi. Għalhekk jidher minn dan kollu li l-atturi ppruvaw dak li ppremettew fiċ-ċitazzjoni dwar il-fatt li kienu nuqqasijiet u ħsarat;

Permezz tal-istess *bills of lading* ġie ppruvat ukoll li l-merkanzija "*de quo*" kienet ġiet mgħobbija kollha fuq il-vapur Susak u fi stat tajjeb. Dan il-vapur wasal Malta fl-1 ta' Frar, 1983 u l-merkanzija ġiet konsenjata lis-soċjetà importatriċi fid-9 ta' Frar, 1983. Issa una volta li ġie ppruvat dan, jidher li għan-nuqqasijiet u ħsarat in kwistjoni jistgħu jaħtu biss jew iż-żewġ konvenuti *et noe.* jew min minnhom biss billi kienu dawn it-tnejn li kellhom f'xi ħin jew ieħor il-merkanzija "*de quo*" f'idejhom. Il-vapur huma responsabbli għalih minn meta titgħabba fuqu sakemm tiġi żbarkata fil-"*port of destination*", f'dan il-każ Malta. Issa meta l-merkanzija tiġi żbarkata Malta, il-merkanzija tiġi f'idejn is-soċjetà konvenuta "*The Cargo Handling Co. Ltd.*" li għalhekk tidħol responsabbli hi għall-istess sakemm din tiġi kkonsenjata lir-riċevitur f'dan il-każ "*La Rosa Co. Ltd.*". Għandu jingħad li f'dan il-każ billi l-*bills of lading* kienu "*on liner terms*" ir-responsabilità tal-konvenuti Hili *et noe.* kienet sax-"*ship's rails*";

Issa f'dan il-każ ġara li l-vapur ma trakkax mal-moll b'dan

li l-merkanzija tinżel direttament fuq il-moll, iżda l-istess merkanzija tħattet minn fuq il-vapur għal fuq il-braken u minn fuq dawn għal fuq il-moll. Skond ix-xhud Joseph Hili, l-aġent tal-vapur li ma ġiex kontradett, waqt il-ħatt tal-merkanzija "*de quo*" saret *tally* minn *tally clerk* li jagħmel parti mit-*Tally Clerks Group* tal-*G.W.U.* li huma awtorizzati mid-*Director of Ports* biex jagħmlu dan ix-xogħol. F'dan il-każ it-*tally clerk* joqgħod fuq il-gverta tal-vapur u jniżżel id-dettalji dwar il-merkanzija li tkun qegħda tinħatt. Fut it-*tally sheet* huwa jagħmel ir-rimarki tiegħu dwar dawn u jinnota l-kundizzjoni tal-merkanzija kif niżlet;

It-*tally sheet* magħmula minn dan it-*tally clerk* tinsab eżebita a fol. 23 tal-proċess. F'dan il-każ ma kienx hemm *tally clerk* jew persuna oħra responsabbli mibgħuta mis-soċjetà "*The Cargo Handling Co. Ltd.*" biex jiċċekkja l-merkanzija fl-interess tagħha. Skond Joseph Hili n-nies tal-kumpanija fuq imsemmija "jikkontrollaw biss meta l-merkanzija tinżel mill-barkun għall-art, jiġifieri ħafna żmien twil wara li l-istess kumpanija tkun ħadet il-merkanzija f'idejha". L-istess xhud fil-kontro-eżami qal ukoll li qatt ma kien ġie nfurmat bħala ditta b'xi ċirkulari li l-konvenut *et noe.* kellu xi ordni mid-Direttur tal-Portijiet biex it-*tally clerks* tiegħu ma jmorrux jiċċekkjaw il-merkanzija fuq il-vapur hija u nieżla fuq il-braken. Anthony Agius rappreżentant tal-*Cargo Handling* fix-xiehda tiegħu ma jsemmix li kien hemm tali ordni iżda li kien hemm ftehim bejniethom fuq hekk;

*Omissis;*

Kif sewwa rrimarkat l-ewwel Qorti l-qofol tal-kwistjoni bejn il-konvenuti hija l-portata ta' din it-"*tally sheet*". Għandu

jingħad qabel xejn li din setgħet faċilment saret "*joint tally*" kif isemmi l-appellant u jekk din ma saritx huwa dovut kollu għall-aġir tal-konvenut Godwin Abela *et noe.* li naqas li jqabbad *tally clerk* ieħor fil-mument opportun. Barra minn hekk it-*tally sheet* ma ġietx attakkata mill-istess konvenut kif seta' faċilment jagħmel billi anki jtella' lit-*tally clerk* in kwistjoni u jeskutih. In-nuqqas tiegħu li jibgħat *tally clerk* ieħor biex jiċċekkja l-merkanzija hi u nieżla fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ jimporta aċċettazzjoni da parti tiegħu li hu kien qiegħed jaċċetta l-merkanzija fuq it-*tally* tat-*tally clerk* imqabbad mill-konvenuti Hili *et noe.* Issa skond il-*bill of ladings* "*de quo*" l-obbligu tal-vapur kien li jwassal il-merkanzija "*to the ship's rail*". Jekk it-*tally* li hemm eżebita, ma ġietx konfermata bil-ġurament mit-*tally clerk* li għamilha, il-konvenut Abela m'għandux x'jilmenta u "*imputet sibi*" billi hu kien eżenta lill-kontro-parti milli ttellgħu bħala xhud;

Għandu jingħad ukoll li għadda wisq żmien minn meta tniżżlet il-merkanzija biex id-dokumenti l-oħra msemmija mill-appellant jistgħu jinfluwenzaw fuq il-kwistjoni. Barra minn hekk *tally* magħmula minn *tally clerk* awtorizzat skond il-liġi hija prova tal-kontenut tagħha sakemm din tiġi attakkata b'suċċess bi provi kuntrarji, ħaġa li ma saritx. Ta' min jinnota wkoll li l-*cargo receipt* saret fit-18 ta' Marzu, 1983 ċirka xahar u nofs wara li l-merkanzija kienet ħarġet mir-responsabilità tal-konvenuti Hili *et noe.* u għalhekk din b'ebda mod ma tista' sservi bħala prova dwar x'merkanzija l-*Cargo Handling* kienet irċeviet. Lanqas ma għandu wieħed jistenna li l-vapur ma jħottx għaliex il-konvenut Abela *et noe.* bla ebda raġuni valida ma bagħatx *tally clerk* biex jiċċekkja l-merkanzija waqt li qegħda tgħaddi fil-pussess tiegħu. Dan l-aġir tal-konvenut Abela *et noe.* jimporta li hu kien qiegħed

jaċċetta l-merkanzija fuq it-*tally* li kienet qed issir mit-*tally clerk* imqabbad mill-konvenut Hili *et noe;*

Għal dawn il-motivi din il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċidi billi tiċħad l-appell tal-konvenuti Godwin Abela *et noe.* u tikkonferma s-sentenza appellata mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ fl-ismijiet premessi fid-19 ta' Frar, 1988 u tikkonferma s-sentenza appellata;

L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jiġu sopportati mill-konvenuti Godwin Abela *et noe.* appellanti.